14 ta' Ġunju, 1948.

Imħallef:

L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Il-Pulizija *versus* Dominic Grech

**Sentenza — Appell — Nullità —**
**Art. 425 (3) tal-Kodiċi Kriminali.**

*Meta l-Qorti tal-Maġistrati tillibera lill-imputat, għandha tenunċja biċ-ċar ir-raġunijiet tal-liberatorja. Fin-nuqqas ta' din l-enunċjazzjoni ċara, is-sentenza hija nulla, u tagħti jedd lill-Attorney General li jappella minnha.*

*Imma jekk l-Attorney General f'każ simili jappella fuq il-motiv li l-Ewwel Qorti għamlet enunċjazzjoni ħażina ta' l-ipotesi tal-liġi, dak l-appell huwa null; għaliex ma jistax jingħad jekk il-Magistrat illibera minħabba kwistjoni purament ta' fatt jew minħab-*

*ba kwistjoni ta' dritt, u għalhekk ma jistax jingħad li kien hemm enunċjazzjoni ħażina ta' l-ipotesi tal-liġi mill-Maġistrat.*

Il-Qorti, — Rat iċ-ċitazzjoni li biha l-imputat ġie msejjaħ biex jirrispondi għall-imputazzjoni illi f'dawn l-aħħar sentejn hu naqas li jobdi l-ordni mogħti lilu mill-Housing Commissioner bir-requisition order no. 5541, notifikat lilu fis-7 ta' Frar 1948, u naqas li jikkunsinna ċ-ċwievet tal-post 10B, Savoy Hill, Rue D'Argens, Gżira, lill-uffiċjal inkarikat middja-tas-Sliema fiż-żmien mogħti lilu skond l-istess ordni;

Rat is-sentenza tal-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta tal-20 ta' April 1948, li biha l-imputat ġie liberat;

Rat ir-rikors ta' l-Attorney General li bih appella minn din id-deċiżjoni, u talab il-kundanna ta' l-imputat skond il-liġi;

Semgħet id-dibattitu;

Semgħet il-provi;

Tikkunsidra;

Il-Maġistrat illibera fuq motiv enunċjat b'dan il-mod:— "Billi mill-provi prodotti mill-imputat u partikolarment mill-kopja legali tal-kuntratt tal-bejgħ li sar fil-21 ta' Jannar 1948, u li dan il-kuntratt vwoldiri din il-prova tagħmel stat il-lum";

Hu ċar li dan il-motiv ma hux kapibili;

Issa, skond il-liġi (art. 425 (3) Kap. 12), meta l-Qorti ta' Isfel tillibera f'każijiet simili, għandha tenunċja biċ-ċar ir-raġuni, u fin-nuqqas ta' dan is-sentenza tkun nulla, u din in-nullità tagħti jedd għall-appell lill-Attorney General;

Issa f'dan il-każ bl-ebda mod ma jista' jingħad li l-Ewwel Qorti enunċjat biċ-ċar ir-raġuni tal-liberazzjoni; anzi, kif ingħad, il-motivazzjoni kif espressa ma tiftihemx;

L-Attorney General sew għalhekk liberament jappella in bażi għal dan il-motiv, skond il-liġi fuq ċitata (art. 425 (3) Kap. 12);

Minflok, l-Attorney General appella in bażi għall-art. 425 (1) (b) (iv) (i) Kap. 12, ċjoè in bażi għall-enunċjazzjoni skorretta ta' l-ipotesi tal-liġi mill-Ewwel Qorti;

Iżda, kif hemm indikat fl-istess rikors ta' l-Attorney General bil-kliem "tfisser xi tfisser din il-motivazzjoni", il-motivazzjoni tal-liberazzjoni ma tiftihemx, u jekk ma tiftihemx,

kif fil-fatt ma tiftihemx, ma jistax jingħad jekk il-Maġistrat illiberax minħabba kwistjoni purament ta' fatt jew minħabba kwistjoni ta' liġi, għaliex ma jistax jingħad liema hija l-ipotesi tal-liġi enunċjata mill-Maġistrat. Kien għalhekk il-każ li fih l-Attorney General seta' jappella in bażi għal motiv ieħor, mhux in bażi għal dak indikat fir-rikors;

*L-appell għalhekk, kif propost, hu inattendibili, u jibqa' dikjarat irritu u null, u f'dan is-sens respint.*